18 ta' Frar, 1946.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Albert Falzon Sant Manduca et.** *versus* **Oscar Sammut, C.B.E., ne.**

**Taxxa tas-Suċċessjoni — Preskrizzjoni —**

**Art. 43 u 46 (1) (a) tal-Kap. 70 ta' l-Edizzjoni Riveduta.**

*Meta jinstab li tħallset bħala taxxa tas-suċċessjoni somma akbar minn dik li imissha, iż-żejjed jiġi mogħti lura lid-debitur tat-taxxa jew lill-werrieta tiegħu, jekk dak iż-żejjed jiġi mitlub fi żmien tliet xhur mill-jum li fih il-parti interessata tkun saret taf li għandha l-jedd titlob lura dak iż-żejjed, kemm il-darba din it-talba ma tkunx preskritta skond id-dispożizzjoni ta' l-art. 46 tal-Liġi dwar dik it-taxxa, jiġifieri jekk ma jkunux għaddew sentejn mill-ħlas tat-taxxa.*

*Għax dan il-każ huwa divers minn dak fejn it-talba tal-kontribuent tkun, mhux biex jieħu lura ż-żejjed li jkun ħallas bħala taxxa, imma biex isewwi żball mekul fid-denunzja tas-suċċessjoni.*

L-atturi fit-taħrika qalu li fid-denunzja tas-suċċessjoni tal-Maġġur Alfredo Sant Manduca, missierhom, u li tiegħu huma l-eredi, ġiet likwidata t-taxxa ta' £406. 14. 11 bħala suċċessjoni u "estate duty", u dana peress illi ġew il-beni fedekommissarji inklużi u kalkolati bħala beni liberi peress illi d-denunzjanti ma

setghux jaccertaw t'dak il-bini tad-denunzja l-kwalità preciża tad-diversi *fondi*, jekk *cjoè* kienux liberi jew fedekommissarji; li fost il-beni immobili denunzjati dawk li huma migjuba fid-dokument "A" huma ta' natura fedekommissarja, kif kellu jkun pruvat *matul il-kawża u kif jirriżulta* wkoll in parti mid-dokumenti eżibiti mac-citazzjoni; u li huma rnexxielhom jistabbilixxu dina n-natura anqas minn tliet xhur qabel il-gurnata tal-prezentata tac-*citazzjoni*; u li t-taxxa giet imhallsa fl-20 ta' Lulju 1940 u s-salda fl-1 ta' Dicembru 1941 (dok. D. E.); u talbu li, wara li tigi premessa kull dikjarazzjoni necessarja u moghti kull prov*vediment li jkun* hemm bżonn, jigi likwidat skond it-termini ta l-art. 41 u 44, jew kwalunkwe iehor applikabili, ta' l-Ord. XVIII ta' l-1918, l-ammont ta' eccess li gie mhallas bhala taxxa, *sija ta' successjoni* u sija ta' l-assi, fuq l-istess beni fedekommissarji; u ghalhekk jigi l-konvenut nomine kundannat jirrifondilhom u jirrestitwilhom l-istess eccess, bl-imghax *tal-5%*, *min-notifika* tac-citazzjoni sal-pagament. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

......Mill-provi *u mis-sunsgh* tal-kawża rriżulta li fid-denunzja tas-successjoni ta' missierhom l-atturi, wara li elenkaw diversi stabili, żiedu ddikjaraw :— "Dawn il-beni fedekommissarji jigu *dikjarati fedekommissarji*, billi fil-familja dejjem kienu miżmuma hekk; iżda jekk jirriżulta li x'uhud minnhom saru liberi wara l-kwarto grado, jew ma kienux fedekommissarji, *allura ssir il-korrezzjoni* mehtiega wara l-verifiki li qeghdin isiru, mhux aktar tard minn tliet xhur". Dana sar fit-22 ta' Frar 1938. Sadattant l-atturi nkarikaw lil min jaghmlilhom il-verifiki; *iżda billi* l-verifiki ma tlestewx, u minhabba l-gwerra d-diffikultajiet tat-tfittxija kibru, fis-6 ta' Ottubru 1941 saret dikjarazzjoni ohra da parti ta' l-attur Albert Falzon Sant Manduca, *fejn intqal* :— "As we have not yet succeeded to (sic) determine the character of the entailed property declared in the notice, I agree that for the purpose of assessment of duty, such property should be amalgamated with the free estate, saving the right to declare, not later than two years, the character of the property, pending researches thereon";

*Intant*, fis-7 ta' Ottubru 1941 il-konvenut, per mezz ta' l-ufficjal rapprezentant tieghu, ghamel il-likwidazzjoni tat-tax-

xa, viz. £406. 14. 11, bħalli kieku l-ġid kien kollu liberu; iżda żied riżerva billi kiteb fl-aħħar :— "Subject to revision with regard to the items mentioned on pages 8 and 9". Dawna l-partiti jirrigwardaw preċiżament il-ġid li fuqu hemm il-kwistjoni l-lum, u li fid-denunzja oriġinarjament ġew dikjarati bħala fedekommissarji. Minn dana jidher ċar li fid-denunzja oriġinarja l-atturi semmew u ddikjaraw ċar u tond bħala fedekommissarja n-natura ta' dawk l-istabili, u dik l-indikazzjoni qatt ma ġiet definitivament ritirata, u l-atturi ppermettew biss li l-istabili fedekommissarji jiġu kunsidrati bħala liberi unikament għall-finijiet tal-likwidazzjoni tat-taxxa sakemm jagħmlu r-riċerki biss, u mhux għax ammettew li fil-fatti l-istabili kienu liberi. Mill-banda l-oħra l-konvenut ma għamelx likwidazzjoni definitiva, għax aċċetta r-riżerva ta' l-atturi u assoġġetta il-likwidazzjoni tiegħu għar-reviżjoni. Sadattant id-diffikultajiet żdiedu għax l-uffiċċju tal-konvenut ġie mgarraf bil-bumbardamenti tal-għadu mill-ajru, u għal ċertu żmien id-dokumenti ntilfu;

*Iżda billi* fis-sena 1943 il-konvenut talab il-ħlas tat-taxxa kif kienet ġiet likwidata minnu, u l-atturi ma kienux ħallsu ħlief akkont qabel, fil-waqt li r-riċerki kienu għadhom sejrin, l-atturi ħallsu l-bilanċ mitlub fis-16 ta' Lulju 1943. Iżda wara dan l-avukat tagħhom lesta r-riċerki u kkonferma li l-istabili li fuqhom kienet saret ir-riżerva kienu tabilħaqq fedekommissarji, u talab lura l-eċċess li l-atturi kienu ħallsu, billi bla telf ta' żmien xejn għamel iċ-ċitazzjoni tal-kawża preżenti fit-8 ta' Novembru 1943;

F'dina l-kawża l-atturi ppreżentaw id-dokumenti meħtieġa, u l-konvenut spiċċa biex fit-28 ta' Jannar li għadda ammetta li l-istabili huma fedekommissarji kif kienu jippretendu l-atturi (fol. 106). Minn dan kollu tinżel ċara u naturali l-konsegwenza li d-denunzja li l-atturi għamlu wara l-mewt ta' missierhom fis-sena 1938 kienet korretta, u kull ma sar wara kien it-tfittxija tal-provi u tal-konferma ta' dik id-dikjarazzjoni. Għalhekkstant xejn ma hu applikabili għall-każ it-tieni paragrafu ta' l-ewwel taqsima ta' l-art. 44 ta' l-Ord. XVIII ta' l-1918, il-lum art. 46 (1) (a) tieni paragrafu ta' l-Ordinanza tat-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap. 70), għax dik id-dispożizzjoni tirrigwarda t-talba tal-kontribwent biex isewwi żball me-

bud minnu fid-denunzja, u mhux it-talba għalbiex jieħu lura l-eċċess li jkun ħallas. U tabilħaqq, fid-denunzja l-atturi ma kienux ħadu żball, għax l-istabili semmewhom mill-ewwel bħala fedekommissarji, u kull ma kien jonqoshom kienet biss il-prova ta' dik in-natura. B'hekk taqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-konvenut;

Skond l-art. 43 ta' dik il-ligi (dari art. 41), meta jinstab li tħallset għat-taxxa somma akbar minn dik li jmissha, iż-żejjed jigi mogħti lura lid-debitur tat-taxxa jew lill-werrieta tiegħu, jekk dana ż-żejjed jigi mitlub fi żmien tliet xhur mill-jum li fih il-parti interessata tkun saret taf li għandha l-jedd titlob lura dak iż-żejjed, kemm il-darba din it-talba ma tkunx preskritta skond id-dispożizzjoni ta' l-art. 46;

Mill-provi rriżulta li mir-riċerki kien inkarikat l-Avukat Giuseppe Pace, u li minn meta dana kkonferma bil-provi li ġabar li l-istabili kienu tassew fedekommissarji sakemm giet preżentata t-taħrika għaddew anqas minn tliet xhur (fol. 93 wara);

Skond l-aħħar paragrafu ta' l-art. 46 (1) (a) ta' dik l-Ordinanza tat-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni, id-debitur tattaxxa ma jista' jitlob lura ebda żejjed li jista' jintalab taħt l-art. 43 wara li jagħlaq iż-żmien ta' sentejn bawn fuq imsemmi; iżda dan iż-żmien jibda jgħaddi minn dak in-nhar tal-ħlas. Mid-dokument eżibit fil-fol. 15 tal-proċess jirriżulta li l-aħħar ħlas tat-taxxa sar fl-20 ta' Lulju 1943 meta l-atturi ħallsu l-bilanċ ammontanti għal £273. 3. 11. L-ammont ta' £200 kien gie mħallas fis-sena 1941 bħala sempliċi akkont, u għalhekk l-eċċess li tħallas ma setax kien ħlief l-ammont tal-bilanċ li gie mħallas fl-aħħar. Minn meta tħallas dan il-bilanċ fl-20 ta' Lulju 1943 sa meta giet preżentata ċ-ċitazzjoni ta' dil-kawża fit-8 ta' Novembru 1943 ma għaddewx ħlief ftit xhur, u għalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni ta' sentejn kien fadallu ħafna biex jagħlaq. Għaldaqstant l-atturi għandhom il-jedd kollu jitolbu lura dak li ħallsu żejjed;

Skond nota tal-partijiet preżentata l-lum, il-partijiet jaqblu li kemm il-darba l-atturi għandhom dritt għar-rifużjoni ta' l-eċċess li ħallsu, dan l-eċċess rifondibili huwa dak ta' £134. 15. 10, bl-imgħax tat-3%, mid-data ta' l-aħħar ħlas fuq l-istess somma ta' £134. 15. 10;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jew dekadenza mogħtija mill-imħarrek, u tilqa' t-talba billi tikkundanna lill-imħarrek nomine jħallas lill-atturi £134. 15. 0, iżda bl-imgħax tat-3% fuq dik is-somma mid-data ta' l-aħħar ħlas, jiġifieri mill-20 ta' Lulju 1943, sal-ħlas effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-imħarrek nomine.